# AVVIŻI

Il-Ħadd 6 u 20 ta’ April 2014 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 4 u 18 ta’ Mejju 2014 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 1 ta’ Ġunju 2014 fis-6.30p.m. – Quddiesa
Il-Hadd 15 ta’ Gunju 2014 fis-6.30pm
Il-Ħadd 6 u 20 ta’ Lulju 2014 fis-6.30p.m.
Il-laqgħa tal-4 ta’ Mejju 2014 li taħbat f’għeluq it-28 sena mit-tqegħid ta’ l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda bir-rużarju minn tarf it-triq il-qadima.

Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD “Ix-Xejn Aħjar Minni” dwar il-ħajja ta’ Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor “Nitolbu ma’ Marija” li jinkludi r-rużarji b’leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236


# LEHEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 98 April 2014 JITQASSAM BLA ĦLAS




“....Kont nammira ħafna lil Ġuża fuq... żewġ binarji: sempliċita’ u umilta’. Nemmen li Ġuża kellha intimita’ kbira ma’ Alla u mal-Madonna u allura Alla kien jippermettilha li tkun taf ċertu affarijiet li n-nies komuni ma’ kienux ikunu jafuhom. Kellha dan is-sens ta’ dixxeriment fil-ħajja tagħha...

Jiena għalija Ġuża persunaġġ li għada pitgħada għad jagħmel unur lil Malta.”

Fr. Eusebio Debono OCD

## FR. EUSEBIO, ĦAMSIN SENA TA’ SAĊERDOZJU

Il-Kumitat u l-membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jifirħu lil Fr. Eusebio Debono OCD fl-okkażżjoni tant sabiħa ta’ ħamsin sena saċerdozju. Fr. Eusebio kien iltaqa’ aktar minn darba mal-fundatriċi tagħna Ġuża Mifsud u għal dawn l-aħħar snin qiegħed jagħti s-servizzi tiegħu kemm waqt il-laqgħat tal-Kumitat kif ukoll waqt il-laqgħat ta’ talb li jsiru fil-Girgenti. Ghal din l-okkażżjoni Mons. Arċisqof Pawlu Cremona ta rigal speċjali lil Fr. Eusebio: permess biex iqaddes quddiesa fil-Girgenti li ser issir il-Ħadd l-1 ta’ Ġunju fis-6.30pm.

## DIRETTURI SPIRITWALI U SAĊERDOTI OĦRA LI GĦENU LIL ĠUŻA MIFSUD DUN NAZZAREN TONNA (It-tieni parti)

Dun Nazzaren kellu żewġ esperjenzi mportanti fid-direzzjoni tiegħu u l-għajnuna tiegħu lil Ġuża Mifsud. Dawn kienu meta Ġuża għażlitu biex ikun hu li jmexxi l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, kif ukoll meta Ġuża qaltlu biex ibierek il-libsa u l-velijiet tagħha meta ħadet il-voti perpetwi tagħha.

## IT-TMEXXIJA TAL-MOVIMENT

Fil-laqgħa tas-7 ta' Ottubru 1990 Dun Nazzaren qal hekk:

"Meta ġejt avviċinat xi ftit ta' żmien ilu minn Ġuża, qegħdin fid-dar tagħha, u stednitni biex jiena nibda ngħin aktar mis-soltu, għidt f'qalbi 'jien?' …qiegħed nitkellem verament minn qalbi u bl-aktar mod inħossni mriegħed u saqajja iġġammjati bħalissa… għaliex jiena għal kollox inħossni nkapaċi biex immexxi din l-armata ta' Marija…

Imma jiena ċert illi la ssejħa ġiet għandi, ma tlabtix jien, qatt ma daħlet f'moħħi din, jiena ċert illi bil-Madonna miegħi u bi Kristu Ewkaristija miegħi, flimkien ma' l-għajnuna kbira minn Monsinjur Buontempo, pariri siewja minn Ġuża u l-Kumitat tagħna, l-armata ta' Marija f'dan is-santwarju għażiż, li għadu fin-nieqa tiegħu biex jiġi spreddjat ma' kullimkien, il-Madonna tkabbru żgur u x-xogħol jimxi ferm il-quddiem.

Jiena ħaġa waħda nitlobkom ħuti, illum hija l-ġurnata ta' Marija taħt it-titolu sabiħ tar-rużarju, kemm tkun ħaġa tajba illi bħala familja waħda, inħoss li t-talb tagħna ikun lill-Missier tagħna lkoll. Infatti hekk ngħidu, Missierna li inti fis-smewwiet u l-kumplament. Kemm tkun ħaġa utli, interessanti u qawwija it-talba tagħna flimkien, maħruġa minn qalbna u f'moħħna, b'moħħna ċar ħalli l-Madonna tkun tista' ittawwal idejja, tkun tista' aħjar tiftaħ il-mant tagħha u din l-armata ta' Ġuża tal-Girgenti f'isem il-Madonna tal-Konsagrazzjoni mhux tkompli tikber biss fin-numru. Aħna ma nħarsux lejn in-numru imma tikber fl-attivitajiet, tikber fid-devozzjoni ħalli jinqered dak li hu ħażin u l-pjanijiet t'Alla jkunu jistgħu iseħħu.



Għalhekk ħuti nagħmlu konklużjoni, nirringrazzjaw lil Alla ta' din il-laqgħa ta' talb illi għamilna flimkien. Nirringrazzjawh illi għoġbu jiġborna hawn bħala familja waħda, nirringrazzjaw lil ommna Marija talli hi l-leader tagħna, qegħda timxi hi quddiem u aħna warajha. Nirringrazzjaw ukoll lill-istrument f'idejn il-Madonna li hi oħtna Ġuza ħalli fid-dawl tal-verita' tat-tagħlim tal-Knisja nkunu nistgħu nfaħħru l-Mulej fl-għemejjel sbieħ u kbar Tiegħu… Aħna ħuti fi Kristu, aħna katina, u min hu l-fuq u min hu fin-nofs u min hu taħt, imma dan ma jfissirx li għax qiegħed taħt ta' fuq akbar minnek, wieħed bżonn l-ieħor. Ngħinu lil xulxin, nitolbu flimkien ħalli Alla tagħna jiġi mfaħħar, ħalli Marija tiġi aktar meqjuma u fl-istess ħin ħuti din l-armata ta' Marija tkompli tikber fl-imħabba, tkompli tikber fil-konvinzjoni, tkompli tikber fit-twemmin u fl-istess ħin ukoll ħajja dejjiema. Issa ngħidu flimkien Ave Marija lill-Madonna."

Meta f'intervista' li kienet saritlu f' Ġunju 2006 kien mistoqsi dwar x'ħass meta Ġuza qaltlu biex imexxi l-Moviment huwa wieġeb hekk:

"Ħassejt qalbi tħabbat ħafna u lil Alla l-Imbierek għidtlu, "Mela jiena deħen," anka lil Ġuża Mifsud għidtilha, "Mela jiena deħen li imexxi dawn l-affarijiet kbar!" Qaltli, "Ibni baxxi rasek, kun umli, aċċetta dak li Alla jagħtik." Dawn l-affarijiet ġieli kienet tgħidhomli lili personali meta kienet tqerr għandi ukoll, għax għamlet żmien twil li tqerr għandi wkoll."

## IT-TBERIK TAL-VELIJIET

Waqt il-laqgħa ta' Novembru 1994, Ġuża Mifsud ħadet il-voti perpetwi tagħha. Hija qalet li l-Madonna kienet qaltilha biex tkompli tikkonsagra ħajjitha u li trid tmut b'libsa ta' reliġjuża. Fuq pitazz Ġuża kitbet dawn il-kliem, "Illum 6 ta' Novembru taħt id-direzzjoni tal-Madonna ser nagħmel l-aħħar voti tiegħi perpetwi. Ġuża Mifsud."

Fid-diskors tiegħu għal dakinhar, Dun Nazzaren kellu dan xi jgħid:

"Meta f'Kumitat, Sylvana għaddietli note li kien fiha dan li oħtna Ġuża irreferiet għalih illum, tant ħadt gost . Emmnuni ħuti, dak il-ħin ma tkellimt xejn, imma llum ser ngħidha. Ħassejt bħal

kesħa ġewwa fija illi tiffriskani u lill-Madonna għidtilha, "Grazzi illi intagħżilt jien sabiex nagħmel ir-rieda tiegħek f'oħtna Ġuża." U bqajt naħseb.

Meta jiena kelli kuntatt ma Ġuza fid-dar tagħha ftit ilu, tkellimna wkoll fuq dawn l-affarijiet. Għidtilha, "jiena nitlob lil Alla sabiex jekk tkun ir-rieda Tiegħu, it-tberik nagħmlu jien, jekk kemm-il darba l-Madonna għażlet tassew lili."

Il-bieraħ Ġuża ċemplitli u għamlitli referenza għal dak li ser nagħmlu llum. U fraħt ħafna. U dalgħodu fil-quddiesa, l-aktar ħaġa li għandi għal qalbi, tlabt lil Alla sabiex inkun strument adatt imma għal kollox umli sabiex it-tberik ta' dawn il-velijiet jew kuluri ta' ħwejjeġ, illi 'l quddiem, ħutna għad iridu jirrappreżentaw il-Moviment tagħna taħt it-titolu għażiż tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, illi jiena ċert li l-Madonna kuntenta ħafna b'dan it-titolu, iseħħ, sabiex Alla jiġi glorifikat permezz tal-Verġni Marija u f'oħtna Ġuża u f'dawk li għad iridu jsegwuha.

Issa ħuti, minn qalbi nħossni kommoss, mhux nibża', għax jiena kburi li nxandar il-kelma t'Alla. Għalhekk il-Mulej sejjaħli u għażilni sabiex inkun strument għal kollox adatt biex inxandar il-vanġelu. Imma nħossni kommoss għax ma nsibx kliem biżżejjed, l-ewwel, biex nirringrazzja lil Alla u mbagħad lil gran Verġni Marija, imbagħad lil oħtna Ġuza illi proprju ntgħażilt jien, nirrepeti sabiex tinżel il-barka t'Alla fuq dak kollu li tixtieq Ġuża.

Il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni m'għandi l-ebda dubju fuq dak li qalet Ġuża u fuq dak li kien ħabbar il-Monsinjur Dun Salv Grima illi għad irid jikber, illi għad irid jinxtered, jew aħjar, id-dinja għad trid tiġi kkonsagrata kollha kemm hi lil gran Verġni Marija sabiex Alla jiġi mfaħħar permezz tagħna l-bnedmin.

Kienet l-idea tal-gran Verġni Marija stess, kemm-il darba ħuti illi dehret fid-dinja, sabiex il-bnedmin jiġu kkonsagrati lil Alla, imma fi żminijietna Alla l-imbierek permezz ta' Marija ried jinqeda b'oħtna Ġuża sabiex jurina aktar l-importanza u d-dover tagħna ħalli aħna nkunu nistgħu nsalvaw permezz ta' din il-konsagrazzjoni li aħna lkoll jinħtiġhilna nagħmlu għall-glorja t'Alla, għall-qima kbira tal-gran Verġni Marija u għall-ġid tagħna.

Kif qalilna San Pawl, illi jekk fi Kristu l-bnedmin kollha jridu jsalvaw, imma l-punt tas-salvazzjoni għandha tkun il-gran Verġni Marija. Tant hu hekk illi aħna rridu naslu għand Kristu permezz ta' Marija.



Għalhekk oħtna Ġuża, jiena f'isem il-Knisja nirringrazzjak ħafna, kompli miexja bl-umilta', kompli miexja b'din l-imħabba li għandek lejn Alla, li għandek lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija, is-sigriet, iċ-ċavetta tagħna, tal-Moviment tagħna. Kompli ħeġġiġna bil-qima kbira lejn il-gran Verġni Marija għax aħna ċerti minn kliemek illi inti l-messaġġiera proprja illi bagħtitilna l-gran Verġni Marija sabiex tkun dawl għalina, mhux biss għas-sekolari imma b'mod speċjali għalina s-saċerdoti, ħalli nkunu saċerdoti kif tridna verament il-qalb ta' Marija, tal-Madonna taħt it-titolu sabiħ tal-Konsagrazzjoni u kif iridna l-Mulej. Kemm tieħu gost il-Madonna li lilna s-saċerdoti tarana kkonsagrati kollna kemm aħna lilha, kif iridna Ġesù sabiex ikollna qawwa biżżejjed illi nkunu nistgħu nirreżistu għal dak kollu li niltaqgħu miegħu.

Għalhekk ħuti dak li ser nagħmlu llum nagħmluh bl-akbar glorja ta' Alla, ngħidu grazzi kbira l-ewwel lil Alla, grazzi kbira lill-Madonna, grazzi kbira lil Ġuza biex aħna nimxu warajha, biex dan il-Moviment jikber, isseħħ ir-rieda t'Alla fil-kliem li dejjem tgħid il-Gran Verġni Marija lil oħtna Ġuża għaliex il-Madonna hija dejjem il-qaddejja tal-Mulej u allura l-messaġġ ta' Alla qiegħed jitwassal lilna permezz ta' Marija, permezz ta' oħtna Ġuża sabiex tiġborna, sabiex il-wegħda ta' Kristu sseħħ, "Jiena nħobbkom u Jiena nħenn għalikom għaliex intom xbieha rejali Tiegħi.' Kemm iħobbna Alla illi ġie fid-dinja proprju biex jagħżel lil ommu sabiex jagħtiha lilna u biex aħna nidħlu fil-Moviment tagħha biex insiru uliedha, biex inħobbuha tassew għal kollox. Il-Madonna tħobbna wisq, hija omm...

Oħtna Ġuża, jiena nawguralek illi inti tkompli tgħix fl-umilta kollha ħajja qaddisa, ħalli tkun ta' eżempju għalina fit-triq tagħna lejn il-Mulej, ħalli fik insibu l-persuna ta' għajnuna kbira, ħalli timlina dejjem bil-kuraġġ permezz tal-kelma tiegħek dejjem dinamika, mħeġġa, permezz ta' l-eżempju mimli mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, ħalli inti fi ftit kliem tkun verament id-dawl u t-triq tagħna sa ma naslu għand il-Mulej..."

*Ikompli f'ħarġa oħra*

**Sylvana Spiteri LL.D**

### L-4 TA' MEJJU 2014 – L-ANNIVERSARJU

Dak inhar niffesteġġjaw it-tmienja u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa sabiħa li dakinhar niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

### KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QLUB TA' ĠESU U TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2014 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew ikellmu lil xi membru tal-Kumitat.

### QUDDIESA FIL-GIRGENTI IL-ĦADD L-1 TA' ĠUNJU 2014 FIS-6.30PM

Grazzja kbira għal Fr. Eusebio Debono u grazzja kbira ħafna għalina wkoll. Nhar l-1 ta' Gunju 2014 fis-6.30pm, Fr. Eusebio, id-Direttur Spiritwali tal-Moviment ser isegwi fuq il-passi tal-predeċessuri tiegħu Mons. Amante Buontempo u Dun Nazzaren Tonna u jqaddes quddiesa fil-Girgenti fl-okkazzjoni tal-ħamsin sena ta' saċerdozju. Din il-quddiesa ser issir wara li nħareġ il-permess minn Mons. Arcisqof Pawlu Cremona. Inħeġġukom sabiex tattendu bi ħġarkom għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija sabiex flimkien infaħħru u nirringrazzjaw lil Alla.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**M. Ellul miż-Żurrieq kitbet illi:** Fiż-żmien li kien għadha ħajja Ġuża Mifsud, jiena flimkien mal-raġel Carmelo, kemm-il darba konna nitilgħu għal-laqgħat li kienu jiġu organizzati l-Girgenti sabiex nitolbu u nisimgħu il-messaġġ li kienet twasslilna Ġuża.

Għadni niftakar ċar li darba minnhom, Ġuża qabdet id ir-raġel, ħarset lejn għajnejħ u bi ħlewwa qaltlu, "Kollox ser ikun sew". Dak il-ħin dħaqnilha u ma staqsejniha xejn aktar. Imma mbagħad ġie x'qalli, "X'inhu kollox sew? Hemm xi ħaġa ħażina?" Ma kontx naf xi jfisser dak il-kliem. Tkellimna dwar dan anka jiena u r-raġel sabiex naraw jekk hemmx xi ħaġa bejnietna li stajna nirranġawha!

Sadanittant, jiena għandi t-tifel Ephrem miżżewweġ lil Diana u joqgħodu l-Kanada. Diana kienet tqila, u ftit ġimgħat wara din il-laqgħa li kellna ma' Ġuża, Diana welldet lil binhom Kemrin, eżattament fid-19 ta' Awwissu 1996.

Importanti li nghid li jiena u r-raġel konna nafu biss li t-tifel u l-mara kienu qed jistennew tarbija iżda bil-problemi li kien hemm qatt ma kienu qalulna xejn lilna biex ma jinkwetawnix.

Wara t-twelid tat-tarbija sirna nafu li meta Diana kienet tmur għat-testijiet, it-tobba kienu qalulha li t-tarbija kienet ser tkun "cabbage", riduha tneħħi t-tarbija għaliex kienet ser tkun spiża għall-pajjiż u għall-ġenituri. Iżda huma ddeċidew li jiġri x'jiġri dik kienet it-tarbija tagħhom u riduha li tgħix.

Meta twieldet it-tarbija, ħaduha fil-laboratorju. It-tifel qalli, "Ma, ħaduh fil-laboratorju biex jittestjawh u jiena niġri warajhom li ma jmorrux jagħmlulu xi ħaġa." Meta staqsa lil Professur x'kien ġara, dan qallu, "Il-baby kollox sew għandu. Ġara xi ħaġa għax dan il-baby kollox kien jindika li kellu jkun *cabbage*."

Jien lil ibni għidtlu bil-kliem li kienet qaltilna Ġuża, li kollox kien ser ikun sew, u li għalina dak iż-żmien dan il-kliem ma' kien ifisser xejn. It-tifel skanta u qalli, "Ma, ma nafx nirrispondik. Aħna konna ppreparati għal li kien ġej, jiġifieri li kien ser ikollna tarbija b'diżabilita." Diane ukoll qaltli, "Naħseb li kien miraklu, għax bix-xokk, bl-inkwiet u bil-biki li bkejt, jiena kelli nkorrih."

Nista' niddikjara li mhux talli t-tifel twieled b'saħħtu, imma ngħid ukoll li t-tifel sa' minn ċkunitu kien intelliġenti ħafna.

Meta t-tifel kellu sentejn, Ephrem u Diana ġew għal holiday hawn Malta. Ilkoll flimkien tlajna l-Girgenti nirringrazzjaw lill-Madonna u saħansitra Diane niżżlet lil Kemrim fil-ħawt ta' l-ilma li hemm ħdejn l-istatwa tal-Madonna.

Kull meta f'dawn is-snin nitla' l-Girgenti dejjem inħoss li għandi naqsam din l-esperjenza, iżda dejjem bqajt lura. Issa serraħt qalbi u ta' dan nixtieq nirringrazzja lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud. Kellha raġun għaliex verament kollox kien sew.